FLORIANA
Borgo Vilhena

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

8 ta’ Frar 2011

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tat-Tnejn u Hamsin (52) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah it-Tnejn u Hamsin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Hamis 13 ta’ Jannar 2011 fil-5.30pm.**

It-tnejn u hamsin (52) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b’din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
5. Preparazzjoni ghall-Estimi Annwali 2011
6. Ghazla tal-Offerti : Stampar ta’ Permessi tal-Iskema ta’ Parkeġġ Residenzjali
7. Approvazzjoni tal-Performance Bonus tas-Segretarju Ezekuttiv u l-Impjegati
8. L-istrixxi tad-dawl ta’ Triq Sant’Anna
9. Tizjin tal-Milied fi Triq Sant’Anna
10. Lejliet l-Ewwel tas-Sena
11 Genna ta’ Gonna 2011
12. Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat 2011
13. Jum il-Housing 2011
14. Emendi fil-Proposta ta’ Bye-Laws dwar Attivitajiet fil-Berah
15. Cirkli tal-annimali fil-Floriana
16. Premju għall-Kuraġġ “Qalb ta’ Ljun”
17. Asfaltar ta’ toroq
18. Dawl ta’ Ġnien Vilhena
19. Bejgħ tal-ktieb “Reminiscences of Childhood in Floriana: Malta in Peace and War 1930-1950”
20. In-niċċa tas-Salvatur
21. Ħwejjeg Oħra
22. Aġġornament tal-laqgħa

Ghat-Tnejn u Hamsin (52) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, il-Kunsillier Edward Torpiano u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat assistit mill-iskrivana Emmanie Theuma.**
**Il-Vici Sindku Franco Davies attenda wara materja nru 2.1.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-wiehed u hamsin (51) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Awtorita' tad-Djar fejn informaw lill-Kunsill bl-iskema ta' Rigenerazzjoni f'oqsma tal-binjiet tal-Gvern. Il-Kunsill qabel li ghandu japplika ghal din l-iskema u jipproponi li jigi rrangat id-dawl ta' Gnien Vilhena minhabba li dan il-gnien kien parti mill-progett ta' tisbih tal-binja tal-gvern li kien sar mid-Dipartiment tal-bini li llum jaqa' taht l-istess awtorita' tad-djar.

**Nota: 18.05 Il-Vici-Sindku Franco Davies attenda ghal-laqgha.**

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-fergha tal-BOV fil-Floriana fejn proponew li jigi organizzat tournament konguntament mal-Kunsill li fih tiehu sehem il-komunita' kummercjali Furjaniza u li l-qliegh tieghu imur kollu ghall-karita'. Sehem il-Kunsill huwa li jipprovdi l-picc sintetiku minghajr hlas. Ittiehed vot favur l-approvazzjoni ta' din it-talba, bir-rizultat kien:

Favur: 3 (NH, FD, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 2 (SSH, VB)

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Ufficcju tal-Prim Ministru rigward l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill ghas-sena 2011. Is-Sindku informa li din l-allokazzjoni kienet inqas minn dik moghtija fis-sena ta' qabel.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Ufficcju Parrokjali fejn pproponew li tigi organizzata mawra f'Ghawdex nhar it-30 ta' Jannar 2011, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali. Din il-mawra ghandha fost ohrajn tinkludi zjara f'Kercem . Ittiehed vot favur l-approvazzjoni ta' din it-talba fejn sehem il-Kunsill ghandu jkun li jhallas tat-trasport, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, FD, SSH VB)
Kontra: 1 (ET)
Astensjonijiet: 0

2.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment rigward is-sub-lease ta' parti mic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V fejn talbu lill-Kunsill jghaddilhom kopja tal-ftehim kummercjali li l-Kunsill jaghmel ghal din l-istess zona. Is-Sindku zied jghid li sadanittant sar jaf li l-istabbiliment li kien wera interess li jiehu l-parti ta' fuqu, kienet *guardsroom* u ghalhekk ppropona li l-Kunsill jikteb lill-Awtorita' tal-ippjanar biex dan il-bini jkun jista' jigi skedat. Il-Kunsill qabel unanimament biex issir talba halli dan l-istabbiliment jigi skedat. Fir-rigward tas-sub lease, il-Kunsill qabel li ghalissa ma ssir l-ebda sub-lease biex wiehed jevalwa is-sitwazzjoni rigward it-talba tal-iskedar li jaghmel il-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li kienet saret talba minn xi residenti biex din iz-zona tintuza ghar-rikreazzjoni u jsir picc zghir tal-bocci.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jaghti 3 kopji tad-DVD's tal-Oratorio San Publju lil Chris Vella, lis-Surmast Michael Borg u lis-Socjeta' Filarmonika Vilhena. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-kumpanija Titan International Ltd. fejn informaw lill-Kunsill li kien ser ikun hemm varjazzjoni fl-ispiza tal-progett tal-Platform Lift ta' quddiem id-Dar tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandu jiltaqa' mal-Perit inkarigat mill-Kunsill ghal dan il-progett biex din il-varjazzjoni tkun tista' tigi diskussa f'iktar dettal.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni minghand Daniel Attard ghax-xoghol ta' manutenzjoni tal-latrini tal-Bombi li jinkludi dawl, tikhil, zebgha, plumbing u bdil ta' hgieg. Il-Kunsill qabel li ghandu l-ewwel jigi kjarifikat xi hsara hemm fid-dawl. Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ziedet tghid li kienet giet avvicinata minn individwu li lmenta li l-latrini kienu qed jinghalqu qabel il-hin stipulat u li kienu qed ikunu wkoll mitfijin minn gewwa. Il-Vici-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li kien avvicina lill-kuntrattur dwar dan, hu kien informah li r-raguni ghalfejn kien qed jaghlaqhom kmieni kienet minhabba li kien qed ikun hemm vandalizmu wara l-hin tas-7.00pm. Il-Kunsill qabel li l-Vici-Sindku ghandu jiccekkja ghaliex il-latrini kienu qed ikunu mitfijin u qabel ukoll li l-kuntrattur ghandu jigi mmultat tan-nuqqasijiet kif jigi ddeterminat mill-informazzjoni li jottjeni l-Vici-Sindku.

2.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Socjeta' Filarmonika Vilhena fejn ipproponew lill-Kunsill biex tigi organizzata ikla konguntament maghhom nhar it-22 ta' Jannar 2011. Il-Kunsill qabel nem.con u li sehem il-Kunsill huwa biss li jhallas tat-trasport peress li skond struzzjonijiet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali l-Kunsill ma jistax jorganizza ikliet f'okkazjonijiet simili.

2.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Socjeta' Filarmonika Vilhena fejn pproponew lill-Kunsill li l-Kunsill hsieb jorganizza marc fl-okkazzjoni tal-Purcissjoni tal-festi centinarji konguntament maghhom nhar it-23 ta' Jannar 2011. Il-Kunsill qabel nem.con li jhallas nofs l-ispejjez ta' dan il-marc li m'ghandhux jeccedi il-€500.

2.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq il-parir mibghut mill-avukat Dr Martin Fenech rigward il-kaz tas-Sur Philip Attard fejn issuggerixxa li l-Kunsill jitolbu l-income tax u VAT returns ta' dawn l-ahhar tliet snin fost dokumenti ohrajn. Minhabba li sadanittant il-Kunsill kien ircieva ittra ufficcjali mill-Qorti f'isem is-Sur Attard, il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-avukat biex jibghat risposta ufficcjali li ghandha tinkludi li d-decizjoni tal-Bord ta' Governanza hija kontestabbli anke peress li l-Kunsill ma inghatax ic-cans jaghti l-veduti tieghu la verbalment u lanqas bil-kitba.

2.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Malta Tourism Authority li talbu no objection minghand il-Kunsill ghall-Festival Internazzjonali tal-Loghob tan-nar li ser jorganizzaw. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni fil-principju li izda il-Kunsill izomm id-dritt li joggezzjona ghal xi arrangamenti tat-traffiku jew materji ohra li ghad iridu jigu diskussi.

2.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq xi suggerimenti mghoddija matul il-laqgha tas-Sotto-kumitat Ambjent, Indafa u Infrastruttura. Is-Sotto-kumitat hareg bil-proposta li jsir Cat Cafe fi Gnien il-Mall u ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lill-monitoring board b'din il-proposta. Il-Kunsillier Vincent Borg zied jipproponi li l-Kunsill jiehu hsieb jipprovdi 2 mobile toilets fi Triq Sant'Anna minhabba d-distanza li hemm minn taht il-logog ghall-eqreb latrina. Il-Kunsill qabel li ghandha l-ewwel tintalab kwotazzjoni ghall-provvista ta' 2 mobile toilets. Is-Sindku Nigel Holland kompla jghid li s-sotto-kumitat kien issuggerixxa wkoll li l-Kunsill johrog stqarrija stampa rigward ix-xoghol hazin li sar fis-subways ta' Triq Sant'Anna dan minhabba li jhoss li mhux gust li l-Gvern ihallas eluf ta' ewro lill-kuntratturi ghal xoghol hazin. Il-Kunsill approva. Is-Sotto-kumitat issuggerixxa wkoll li l-Kunsill ghandu jitkellem mal-Ambaxxata Amerikana in vista tal-eventwali tluq taghhom mil-lokalita' rigward il-bollards u apparat iehor li huma ghamlu fit-triq biex dawn jigu mnehhija bil-galbu u biex jigu mimlija l-hofor li dan l-apparat kien ser ihalli fit-triq. Il-Kunsill qabel ma' din ir-rakkomandazzjoni.

2.14 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Ufficcju tal-Prim Ministru rigward il-progett ta' Festa ta' Gemellaggi. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu sehem f'dan il-progett dejjem jekk il-flus li jinhargu ma jigux imnaqqsa mill-allokazzjoni tal-gemellaggi.

2.15 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Environmental Landscapes Consortium fejn informaw lill-Kunsill li kellhom ghall-bejgh ammont sostanzjali ta' pots uzati. Il-Kunsill ma qabilx li jiehu din l-offerta' minhabba li ma kellux bzonn ta' pots.

2.16 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Carina Dimech f'isem l-Awtorita' dwar it-Turizmu, rigward l-attivita' tal-Isle of MTV. Il-Kunsill qabel li ghandu jiltaqa' maghha kif ukoll mal-partijiet kollha koncernati fosthom entitajiet fil-Floriana, biex ikunu jistghu jigu diskussi xi nuqqasijiet li kien hemm fis-snin ta' qabel sabiex dawn ma jergghux jirrepetu ruhhom.

2.17 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Ufficcju Parrokjali fejn gie ppropost lill-Kunsill biex il-Kunsill jippubblika DVD tat-tielet fazi tas-sena centinarja 2010-2011, liema spiza ghandha tkun madwar €700. Ittiehed vot favur l-approvazzjoni ta' dan, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, SSH, VB, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (FD)

2.18 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana F.C. Nursery fejn talbu lill-Kunsill jiehu hsieb parti mill-ispiza ta' zewg pari lasti tal-futbol. Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq mozzjoni li l-Kunsill jhallas l-ammont ta' €300, issekondat mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, bir-rizultat kien:

Favur: 2 (VB,SSH)
Kontra: 3 (NH,FD,ET)
Astensjonijiet: 0

Is-Sindku Nigel Holland ressaq kontro-mozzjoni biex tinghata is-somma ta' €200, issekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, bir-rizultat kien:

Favur: 3 (NH,FD,ET)
Kontra: 2 (VB,SSH)
Astensjonijiet: 0

2.19 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Joe Vella li talab laqgha mal-Kunsill rigward organizzazzjoni ta' attivitajiet ohrajn li l-Kunsill itella' matul is-sena. Il-Kunsill ma qabilx li ghandha ssir din il-laqgha minhabba li f'kaz li l-ghajnuna taghhom tkun tirrikjedi hlas, il-Kunsill huwa obbligat li johrog sejha ghall-offerti.

**Nota: 19.30 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

2.20 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-Floriana F.C. ma kienux oggezzjonaw ghall-pjanti godda ta' zvilupp ta' parkegg minn Transport Malta, fl-Arena tal-Indipendenza. Il-Kunsill qabel ghalhekk li ghandu jistieden lill-konsulent tal-Kunsill biex jattendi ghal-laqgha li ser issir ma' rapprezentanti tal-Floriana FC nhar it-Tnejn 17 ta' Jannar 2011 rigward din il-materja.

**Nota: 19.35 Il-Kunsilliera Sandra Sammut regghet attendiet ghal-laqgha.**

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li individwu kien gibed l-attenzjoni rigward ic-cangatura tal-bankina ta' quddiem id-Dar tal-Kunsill li bicciet minnha kienu iffosilizzati bi frieghi fil-lava u saqsa jekk hux il-kaz li uhud minn dawn ic-cangaturi jinqalghu u jigu preservati u mizmuma. Is-Sindku wiegeb li ma hassx li kien il-kaz li dan isir.

3.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili saqsiet jekk kienx hemm ftehim li jitwahhlu bollards tal-hadid hdejn Sarria. Il-Kunsill qabel li ghandha tintghalab laqgha mal-Ministru George Pullicino biex jigi diskuss it-twahhil ta' bollards kif ukoll materji simili pendenti.

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **48-05 A, B, C** , li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Skond l-artikolu 32 tal-Ordni Permanenti, is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni pagamenti li waslu wara li giet iccirkolata l-iskeda, indikati bhala cekk nru 9189 sa 9248.

4.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghal cekk nru. 9198 u saqsa kif kien gie approvat dan il-pagament. Is-Sindku wiegeb li dan il-hlas kien ghar-rigali li l-Kunsill jaghti lill-anzjani tad-Dar tal-Anzjani bhalma jaghmel f'kull Milied. Is-Sur Borg sostna li huwa m'ghandu l-ebda oggezzjoni izda jhoss li kellha ssir memo interna jekk ma kienx fadal zmien bizzejjed.

4.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano ssekondata mill-Vici-Sindku Franco Davies, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 9189 sa 9279, bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.5 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland u mill-Vici Sindku Franco Davies u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**Nota: 20.00 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

4.6 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni l-iskeda ta' xiri permezz ta' memos. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-memos, indikati bhala 423/05 sa 433/05 bir-rizultat kien:

Favur: 4 (SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

**Nota: 20.05 Is-Sindku Nigel Holland rega attenda ghal-laqgha.**

## 5.0 Preparazzjoni ghall-Estimi Annwali 2011

5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta abbozz ta' l-estimi li jinsab mehmuz ma' dawn il-minuti u spjega li l-ammonti msemmija f'din il-preparazzjoni kienu biss estimi u ghalhekk setghu jigu emendati sakemm jigi approvat fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss wara li tkun saret il-laqgha annwali tal-lokalita'.

5.2 Is-Segretarju Ezekuttiv kompla billi jfakkar li l-allokazzjoni tal-Kunsill kienet inqas minn dik tas-sena ta' qabel kif ukoll li d-dhul u l-ispejjez mis-sistema tal-LES kienet se tonqos bin-nofs minhabba l-fatt li huwa mahsub li matul is-sena 2011 is-sistema tal-LES ser tigi ddelegata lir-Regjun.

5.3 Ir-Rapport tal-Estimi annwali ghas-sena 2010 kif ipprezentat mis-Segretarju Ezekuttiv gie approvat mill-Kunsill b'mod unanimu.

## 6.0 Ghazla tal-Offerti : Stampar ta' Permessi tal-Iskema ta' Parkeġġ Residenzjali

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ghamel riferenza ghas-sejha ghall-offerti li kienet saret mill-Kunsill uli ghaliha kien hemm offerent wiehed biss. Il-kuntrattur infurmah li kien possibbli li jigu pprintjati permessi wiehed wiehed pero' dawn ma jkunux tal-istess kwalita' bhal dawk li jigu pprintjati minn qabel.

**Nota: 20.15 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

6.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob zewg kampjuni lill-kuntrattur biex il-Kunsill ikun jista' jara l-kwalita' tat-tnejn li huma u tkun tista' tittiehed decizjoni dwar l-ghazla tal-offerti.

## 7.0 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tas-Segretarju Ezekuttiv u l-Impjegati

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li l-Kunsill irid jiddeciedi dwar il-performance tieghu u tal-impjegati u li fil-kaz tieghu jistghu jiddeciedu ghall-persentagg bejn 5% u 10% u li fil-kaz tal-impjegati bejn 3% u 6%.

7.2 Wara li saret diskussjoni u evalwazzjoni mill-Kunsilliera dwar l-performance tas-Segretarju Ezekuttiv u l-Impjegati, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, biex il-Kunsill jaghti l-massimu tal-persentaggi applikabbli tal-performance bonus lis-Segretarju Ezekuttiv u lill-istaff klerikali kollu.

7.3 Wara li ttiehed vot favur din il-mozzjoni, il-Kunsill vvota favur din il-mozzjoni b'mod unanimu.

7.4 Is-Segretarju Ezekuttiv K.Brincat irringrazzja lill-Kunsill, kemm f'ismu kif ukoll f'isem l-impjegati, tal-fiducja tal-Kunsilliera fil-hidma tieghu kif ukoll tal-istaff kollu.

## 8.0 L-istrixxi tad-dawl ta' Triq Sant'Anna

8.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li fir-rigward tal-istrixxi tad-dawl ta' Triq Sant'Anna, kien gie infurmat mis-Sur Joe Cutajar li l-wiring kollu kellu bzonn jinbidel u li jekk dan ma jinbidilx, kien hemm riskju li jmur.

8.2 Il-Kunsill qabel fil-principju li l-wiring jinbidel izda qabel ma jibda dan ix-xoghol ghandha ssir prova fuq bdil ta' strixxa wahda biex jkunu jistghu jigu kkalkulati il-hin u l-ispiza totali ghall-bqija tad-dawl li jifdal. Wara li l-Kunsill jiddetermina l-ispiza ta' dan il-progett, ghandha terga' titressaq fuq l-agenda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni.

## 9.0 Tizjin tal-Milied fi Triq Sant'Anna

9.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghad-decizjoni tal-Kunsill li jikkuntattja lis-*supplier* tal-provvista tal-materjal u jitolbu l-verzjoni tieghu tal-kaz rigward din il-materja.

9.2 Is-Sindku Nigel Holland kompla li s-Segretarju Ezekuttiv infurmah li l-kuntrattur ma kienx irrisponda u li fil-fehma tieghu ma jarax li dan ser jirrispondi peress li m'ghandu l-ebda obbligu u lanqas xi interess partikolari.

9.3 Is-Sindku Nigel Holland ikkonkluda li fic-cirkostanzi jaqbel ghall-Kunsill li tittiehed decizjoni finali minhabba li z-zmien kien qed igerbeb u hemm ir-riskju li jekk din id-decizjoni terga' tigi posposta, tinqabez id-data stipulata fil-kuntratt u l-kuntratturi jkunu jistghu jergghu ikollhom id-dritt li ma jlestux it-tizjin fil-hin.

9.4 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu biex jinforma lill-kuntrattur biex jipprocedi bil-kuntratt moghti mill-Kunsill sabiex jipprovdu d-dawl dekorattiv f'Novembru 2011.

## 10.0 Lejliet l-Ewwel tas-Sena

10.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-organizazzjoni tal-attivita' ta' Lejliet l-ewwel tas-sena u talab li jigi rregistrat li hu ma kienx sodisfatt bl-organizazzjoni mill-kuntrattur minhabba diversi ragunijiet izda specjalment minhabba li dan ma kienx mexa mal-programm li kien gie pprezentat lill-Kunsill.

10.2 Is-Sindku kompla billi qal li l-big screens li kien hemm dakinhar tal-attivita' ma kellomx uzu hlief ghall-countdown u ghar-riklami u ma kienux qed jintuzaw biex juru dak li kien qed jigri fuq il-palk. Is-Sindku kompla li kien hemm hin minnhom fejn ma kien ghaddej xejn fuq il-palk u li kellu jkun hu jmur jghid lil tas-sound biex jitfa' xi muzika ftit allegruza.

10.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill li gie ssuggeriet biex is-sejha ghall-offerti tinhareg kmieni fix-xahar ta' Frar biex b'hekk ikun hemm bizzejjed hin biex jigu bbukkjati muzicisti kemm Maltin kif ukoll minn barra minn Malta. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni li din l-offerta tinhareg kmieni u ghaldaqstant is-sotto-kumitat organizzattiv tac-Celebrazzjoni ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena kellu jiltaqa' mill-aktar fis possibli sabiex jigu determinati nuqqasijiet li saru fl-ahhar edizzjoni biex b'hekk is-sejha tal-offerti tkun iktar dettaljata.

10.4 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa biex mill-kont dovut lill-kuntrattur jigi mnaqqas l-ammont ta' €1500 tat-tizjin dekorattiv li kellu jsir u li izda dan ma sarx. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.5 Il-Kunsillier Vincent Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill u saqsa rigward il-pagament dovut lill-Kunsill mill-kuntrattur li kien rebah is-sejha tal-offerti ghall-esklussivita' ta' bejgh ta' ikel u xorb matul din l-attivita'. Huwa ghamel riferenza ghal dak li kien gara s-sena l-ohra u saqsa ir-raguni ghalfejn dan il-kuntrattur ma kienx hallas qabel l-attivita'. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ghal kuntrarju ta' dak li kien gara s-sena l-ohra, dan il-kuntrattur ghandu kuntratt mal-Kunsill fuq servizzi ohrajn u ghalhekk f'kaz li kieku naqas milli jipprovdi l-hlas dovut, dan kien jitnaqqaslu mill-pagamenti dovuti lilu mill-Kunsill.

10.6 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet li jigi rregistrat li hi tinsisti li l-kuntratturi tal-Kunsill ghandhom idahhlu l-flus dovuti lill-Kunsill minn qabel l-attivita' u li ma thossx li ghandu jigi kkunsidrat li l-flus jigu mnaqqsin minn pagamenti rikorrenti min-naha tal-Kunsill.

10.7 Is-Sindku Nigel Holland sostna li ghalkemm huwa jhoss li s-Segretarju Ezekuttiv kellu raguni valida kif imsemmi f'10.5, ghal darb'ohra biex ma jkunx hemm ekwivoci, kull kuntrattur li jiehu l-offerta ghandu jhallas fil-perjodu stipulat fl-offerta.

## 11.0 Genna ta' Gonna 2011

11.1 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill li wara li huwa kiteb lill-Awtorita' dwar it-Turizmu biex jivverifika dwar attivitajiet li ser isiru bejn Settembru u Ottubru, gie ddeterminat li s'issa m'hemmx attivitajiet nazzjonali fit-2 ta' Ottubru 2011.

11.2 Ghaldaqstant Kunsill qabel unanimament biex l-attivita' Genna ta' Gonna … u hafna aktar! ghandha tigi mtella' nhar it-2 t'Ottubru 2011.

## 12.0 Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat 2011

12.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-ammont ta' applikanti ghal dan il-festival kien bejn hames u sitt kmamar tan-nar.

12.2 Is-Sindku Nigel Holland kompla li l-Kunsill ghanu jaghmel ezercizzju dwar ghalfejn hemm nuqqas ta' interess ta' partecipazzjoni f'dan il-Festival. Is-Sindku Nigel Holland kompla li l-koordinatur issuggerixxa biex flok li kull kamra tan-nar tippartecipa b'zewg bicciet, dawn ghandhom idahhlu tlett bicciet biex b'hekk ikun hemm xorta ammont ta' nar sodisfacenti.

12.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-kuntrattur Leon Promotions biex jipprocedi fir-rigward tal-proposta li kull kamra tan-nar ikollha tlett bicciet tan-nar u li l-Kunsill jissussidja €700 lil kull kamra tan-nar.

## 13.0 Jum il-Housing 2011

13.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi semma li peress li ma fadalx zmien u anke peress li ma kienx hemm cans biex issir wirja dwar il-lokalita' u tigi rriklamata bhala post ideali biex tghid fih, il-Kunsill ikollu jorganizza xi haga ohra biex tikkommemora dan il-Jum.

13.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel konferenza stampa dakinhar ta' Jum il-housing li fiha jirreklama lill-Floriana bhala l-lokalita' ideali ghal kull generazzjoni.

13.3 Il-Kunsill qabel li l-konferenza stampa ghandha ssir fid-9.30am hdejn il-progett ta' appartamenti li qed jittella' fi Triq l-Argotti.

## 14.0 Emendi fil-Proposta ta' Bye-Laws dwar Attivitajiet fil-Berah

**Nota: 21.10 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

14.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li f'laqgha li l-Kunsill kellu mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, kien gie ppropost li jsiru xi emendi li fost ohrajn tinkludi massimu ta' flus li jkunu jistghu jintalbu mill-Kunsill f'kaz ta' attivita' fil-berah.

14.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u issekondat mill-Kunsillier Edward, ittiehed vot biex il-massimu jkun ta' €5000, bir-rizultat kien:
Favur: 4 (VB, ET, SSH, FD)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**Nota: 21.15 Is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**

14.3 Is-Segretarju Ezekuttiv ghandu jressaq l-abbozz bl-emendi approvati mill-Kunsill, lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ghall-approvazzjoni.

## 15.0 Cirkli tal-annimali fil-Floriana

15.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn xi persuni kemm Maltin kif ukoll barranin, rigward l-organizazzjoni ta' cirkli fil-Floriana peress li jhossu li l-annimali ta' dawn ic-cirkli jghaddu minn sofferenza kbira u li fil-fehma taghhom il-Kunsill ghandu joggezzjona ghal dawn ic-cirkli.

15.2 Is-Sindku Nigel Holland zied jghid li ghalkemm ma kienx il-Kunsill l-entita' responsabbli mill-hrug tal-permess tac-cirklu li hemm prezentament fil-Floriana, il-Kunsill kien dejjem itratta l-ilmenti jew suggerimenti li jigu maghmulin lilu b'importanza kbira u ghalhekk hass li din il-materja kella titpogga fuq l-agenda tal-laqgha tal-Kunsill biex tkun tista' tigi diskussa f'iktar dettal u possibilment tittiehed decizjoni finali fir-rigward ta' dawn ic-cirkli.

15.3 Il-Kunsill hass li qabel ma tittiehed decizjoni finali, ghandu jigi vverifikat dwar x'tghid il-ligi kemm Maltija kif ukoll dik Ewropea, u dwar jekk issirx mohqrija.

15.4 Is-Segretarju Ezekuttiv kompla billi kkjarifika li n-no objection li nharget mill-Kunsill rigward l-organizzazzjoni tac-cirklu prezenti kienet inharget minghajr ma l-Kunsill kien jaf jekk ic-cirklu kienx ser ikun bl-annimali u l-Kunsill ma kienx dahal daqshekk fid-dettal ta' x'kien ser ikun hemm.

15.5 Il-Kunsill hass li qabel ma jiehu decizjoni ghandu jikkonsulta mal-entitajiet differenti involuti fosthom l-Animal Welfare Department, l-Animal Rights Coalition kif ukoll mal-organizzaturi tac-cirklu biex ikun jista' jiehu in konsiderazzjoni d-diversi punti di vista fosthom dik amministrattiva, legali, etika, morali u kummercjali.

## 16.0 Premju għall-Kuraġġ "Qalb ta' Ljun"

16.1 Is-Sindku Nigel Holland ssuggerixxa li l-Kunsill iniedi premju ghall-kuragg "Qalb ta' Ljun" bil-hsieb li dan il-premju jinghata lil individwi, kbar u zghar, li jkunu hargu b'kuragg wara li jkunu ghaddew minn trawmiet familjari jew incidenti serji li jkunu kkawzaw sofferenza kbira.

16.2 Is-Sindku Nigel Holland zied jghid li dan il-premju ghandu jservi biex jaghti kuragg lil dawk li jkunu ghaddejjin minn mument difficli minhabba li jhoss li l-kuragg huwa importantissimu fil-hajja. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

16.3 Il-Kunsill qabel fil-principju dwar dan il-premju u li intant ghandhom isiru l-kriterji u regolamenti li jridu jigu approvati mill-Kunsill fi stadju aktar avvanzat.

## 17.0 Asfaltar ta' toroq

17.1 Is-Sindku Nigel Holland stieden lill-kunsillier Vincent Borg jiftah id-diskussjoni dwar din il-materja peress li huwa l-kunsillier responsabbli minnha.

17.2 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li x-xoghol ta' asfaltar fit-toroq kien miexi izda kienet inqalghet problema minhabba li kien infaqa' main tal-ilma fi Triq is-Suq u ghalkemm dan kien gie msewwi, huwa informa li kien hemm cans li jerga' jmur meta jkun qed jigi moghti t-tarmac minhabba l-piz tar-romblu.

17.3 Il-Kunsillier Vincent Borg spjega li hemm zewg ghazliet x'jaghmel il-Kunsill. Wahda minnhom huwa li l-Kunsill jibqa' ghaddej bix-xoghol bir-riskju li jmur il-mejn tal-ilma jew inkella jwaqqaf ix-xoghol u jhalli t-triq miftuha sakemm jinbidel il-mejn mill-korporazzjoni tal-ilma.

17.4 Is-Sindku Nigel Holland fakkar li f'kaz li l-Kunsill ikollu jistenna biex jinbidel il-mejn, ikun ifisser li din it-triq tibqa' maqghluha ghal gimghat shah peress li apparti li hemm procedura amministrattiva x'tigi segwitha, il-mejn il-gdid ikun jehtieg li jsirulu testijiet li jiehdu tul ta' zmien. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill iddecieda li jibqa' ghaddej bix-xoghol ta' asfaltar minghajr ma jinbidel il-mejn tal-ilma.

17.5 Il-Kunsiliera Sandra Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill jikteb lill-kumpaniji li hemm f'Lascaris Wharf biex dawn jilhqu jiehdu hsieb japplikaw ghall-bdil tas-servizzi qabel ma jsir ix-xoghol ta' asfaltar ta' din it-triq. Il-Kunsill qabel nem.con.

## 18.0 Dawl ta' Ġnien Vilhena

18.1 Is-Sindku Nigel Holland informa li din il-materja kienet diga giet diskussa iktar kmieni fil-laqgha f'materja nru. 2.1 fejn il-Kunsill qabel li japplika fl-iskema mnedija mill-Awtorita' tad-Djar biex dan issir il-manutenzjoni ta' dan id-dawl.

18.2 Is-Sindku Nigel Holland fakkar ukoll li fil-granet li gejjin ghandha tinhareg sejha ghall-offerti biex jigi ddeterminat il-hsara li ghandha din is-sistema ta' dawl u jigi rrakkomandat soluzzjoni.

## 19.0 Bejgħ tal-ktieb "Reminiscences of Childhood in Floriana: Malta in Peace and War 1930-1950"

19.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsilliera li wara li l-Kunsill kien avvicina wiehed mid-distributuri tal-kotba Maltin, dawn kienu proponew li huma jbieghu il-kotba bi ftehim ta' 45% kummissjoni fuq kull bejgh.

19.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jaccetta l-offerta' taghhom u jipprovdilhom 150 ktieb biex jigu mibjugha minnhom.

## 20.0 In-niċċa tas-Salvatur

20.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-kuratur ta' din in-nicca kien irnexxielu jikseb informazzjoni dwar sid in-nicca tas-Salvatur.

20.2 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jikteb lil sidha biex jinformah li l-Kunsill kien interessat jibda jiehu hsieb in-nicca u biex ghaldaqstant din tghaddi ghand il-Kunsill.

## 21.0 Ħwejjeġ Oħra

21.1 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li kien gab stima minghand Dion Galea rigward il-kaptelli li hemm fit-telgha tal-Kurcifiss, total ta' €976. Il-Kunsill approva li jmexxi b'din il-kwotazzjoni.

21.2 Il-Vici-Sindku Franco Davies fakkar li l-kuntrattur maghzul mill-Kunsill kien ghadu ma pprovdiex il-locality maps li l-Kunsill kien ordna xhur ilu. Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu jwaqqaf il-ftehim li ghandu mal-kuntrattur minhabba li hass li dan kien inghata bizzejjed cans biex jipprovdi x-xoghol. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jerga' johrog sejha ghall-offerti u li f'din is-sejha ghandu jitlob kwotazzjoni ghal locality maps (b'ghazla li dawn jkunu bid-dawl ukoll).

21.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili fakkret fic-cirkulari li l-Kunsill kellu johrog lir-residenti tal-lokalita' rigward il-gbir ta' skart residenzjali.

21.4 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li ghalkemm kienet intbaghtet cirkolari lill-bars kollha fil-Floriana, kienu ftit li kienu wahhlu *cigarette bin* kif mitlub. Ghalhekk hi pproponiet li l-Kunsill jixtri l-*bins* hu biex il-bars li kienu ghadhom ma wahhlux wiehed ikunu jistghu jixtruhom minghand il-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

## 22.0 Aġġornament tal-laqgħa

22.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Erbgha 9 ta' Frar fil-5.30pm.

Il-laqgha ntemmet fl-22.15.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |